Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,285, 16 ta'Lulju, 2024

Taqsima B

A.L. 158 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għar-Resiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Centru għar-Resiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju taċ-Centru għar-Resiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Centru għar-Resiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Centru għar-Resiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut miċ-Ċentru għandu jkollhom grad ta' Master relatat ma' oqsma bħar-resiljenza, il-benesseri tat-tfal, il-promozzjoni tas-saħħa, l-iżvilupp uman, is-saħħa mentali fl-iskola, l-ilħna tat-tfal u oqsma relatati.

(2) L-applikanti li għandhom grad ta' Baċċellerat miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Klass bl-Unuri (ta' Fuq), u li għandhom potenzjal akkademiku eċċellenti u preparazzjoni b'saħħitha ħafna fil-qasam ta' studju relatat mal-qasam ta' riċerka propost jistgħu japplikaw ukoll.

4. L-applikanti jistgħu wkoll ikunu mitluba juru l-kompetenza f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

5. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju waqt il-kors tal-istudji tagħhom, u/jew li jwettqu b'suċċess xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Bord għall-Evalwazzjoni għat-Trasferiment

6. Il-Bord għall-Evalwazzjoni għat-Trasferiment għandu jkun magħmul minn President, li għandu jkun id-Direttur taċ-Ċentru jew delegat, u żewġ eżaminaturi, li wieħed minnhom għandu jkun is-Superviżur Prinċipali u l-ieħor membru tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

7. Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

It-Tħassir

8. L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju taċ-Centru għar-Resiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali, ippublikati bħala Avviż Legali 381 tal-2013, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2024.